# Neħodlok in-Nifs

Kurt Gabriel Meli

Wara għaxar sekondi bilqiegħda fuq das-siġġu nista' nikkonkludi li l-ħerqa u l-ġuħ li bihom tant kont nanticipa dil-lezzjoni qegħdin jisparixxu aktar u aktar ma' kull żjara.

Das-siġġu minn dejjem rajtu ftit skomdu, imma llum jinħass wisq iżjed iebes mis-soltu. Saħansitra das-siġġu għażiż żgur qatt ma esperjenza tant bdil fil-pożizzjoni daqs dil-ġurnata. Kull għaxar sekondi qed infittex qagħda ġdida għax kull għaxar sekondi qed niffrustra ruħi minn xi ħaġa ġdida.

Kważi kważi qed nistħajjilni fis-sodda, maqbud b'xi ħsieb li qed joqtolni minn ġewwa u jiċħadni mill-irqad. Is-sodda nimmaġinaha magħmula mill-injam, imma ngħidu aħna, injam pjuttost komdu. Mhux injam qadim u magħkus biż-żmien bħal tas-siġġu tiegħi, iżda injam ġdid fjamant u li jinten bir-riħa tas-sinjuri, m'ilux li twaħħal mal-ħajt.

F'nofs dal-ħsieb nipproċessa ħoss ġej minn taħti u ninduna li qiegħed intaptap b'sieqi. Did-drawwa ma nafx minn fejn qbadtha. Il-preżenza tal-injam tinħass aktar minn qatt qabel.

Bħal kull nhar ta' Ġimgħa jidħol, diżinteressat, u jqiegħed il-kotba tiegħu fuq il-mejda prinċipali b'ċertu delikatezza. Però dal-aħħar qiegħed ninnutah ipoġġihom bi ftit aktar assertività. Għandi xi ngħid li llum imqegħdin ftit aktar laġenba mis-soltu.

Parti minni tixtieq li dat-tqegħid insejjaħlu "anormali". Il-bqija, l-imġiba tiegħu tidher normali sal-aħħar. Fil-fatt, mindu bdejt niflih bi ftit aktar reqqa,

qisu beda jidher aktar normali milli kien qabel. Min jaf, forsi qed jipprova juri li mhuwiex iħossu normali, jew forsi qed jipprova jasserixxi s-superjorità tiegħu. Prova oħra, insomma. Jibda l-lezzjoni b'mod normali, imma jien konvint li t-tqegħid tal-kotba mhuwiex normali.

Proprja proprja ltqajna fil-bidu ta' dis-sena skolastika. Imbagħad, iltqajna proprjament aktar tard minħabba interess komuni (ma ngħidx intenzjoni għax dik kellha bżonn naqra tħeġġiġ mhux ħażin). Il-faċiltà kienet konvenjenti, dak il-ħin, imma nħares lura, is-sekwenzi li kien imiss ma kinux partikolarment mistennija.

Nilmaħ bħal dejjem is-salib ċkejken imdendel mal-ħajt, u minkejja li ilni bilqiegħda fl-istess post mill-bidu nett tas-sena, illum qed ninduna li ħarstu ffissata totalment fuqi. Nilgħab bil-ħsieb. Kulma jonqsu xi sfond ambigwu biex jakkumpanja l-espressjoni ta' wiċċu, sintendi mingħajr dik it-tbissima nofs daħqanija. Insomma, naħseb aktar bil-kontra l-ħaġa. Aktar nimmaġinah bil-geddum, u m'hemmx ambigwità f'dak li qiegħed iħoss lejja f'dal-mument. Nerġa' nċaqlaq il-pożizzjoni.

Dal-kurċifiss mhux biss itella' u jqajjem il-kunflitt intern u sekolari li għandi fija bħalissa. M'ilux sar jirrappreżenta t-tlugħ tas-sulari, il-qawmien l-għodwa ta' wara, il-mogħdija f'kurituri li meta nħares lura nistħajjilhom iħarsu lura lejja bl-ikrah. Kurituri dojoq u mogħnija bl-istess injam fin u verniċjat tas-sodda fittizja li fl-aħħar nista' nistrieħ fuqha. L-injam kullimkien u qisu qiegħed jagħlaq bija fil-forma ta' kamra. Kien dal-istess injam ta' kwalità superjuri li żejjen il-laqgħa tiegħi ma' qaribu xwejjaħ. Ma jiġix wisq mill-bogħod miż-żewġ blokok injam poġġuti kontra xulxin b'angolatura retta f'dil-klassi.

Il-leħen tiegħu jiġbidli l-attenzjoni fil-pront u jiġbidni lura fil-kamra li fiha nuqqas qawwi ta' injam iżda li xorta waħda żżommni priġunier. Juża ton pjuttost assertiv sabiex jindikali bil-mod pulit tiegħu li m'iniex attent. Allura ngħid li kelli raġun dwar it-tqegħid ta' dawk il-kotba.

Ngħid id-dritt qed ninħasad b'kif qiegħed iġib ruħu llum. Qisu qed jidra das-sens ta' assertività ġdida. Għoġbitu. Għalkemm hu għalliem, xorta naqra mistagħġeb li qed jipprattika dil-assertività fil-klassi, minn tant postijiet. Nuqqas ta' diċenza.

L-attenzjoni tiegħi ma ddumx wisq ma tmur għal ilbiesu. Huwa raġel każwali u fuq tiegħu għalkemm ma jgħidx wisq – karatteristiċi ewlenin li

minn dejjem interessajt ruħi fihom – u dawn jirriflettu ruħhom fi ħwejġu. Il-ġakketta griża, akbar milli għandha tkun, tidher bħal gozz lożor li jdawruh u jgezzuh. Dawn il-lożor mhumiex familjari għalkollox (daqskemm ħsibt li jien familjari mal-imġiba tiegħu), imma xorta waħda familjari biżżejjed sabiex ikolli stampa fissa tagħhom immarkata f'moħħi (daqs l-istampa tiegħu nnifsu li fassalt fil-fond ta' moħħi).

Ftit wara l-bidu ta' dis-sena skolastika bdejt nilbes ħwejjeġ akbar mid-daqs li suppost għax ħajjarni naqra hu, u did-drawwa relattivament ġdida tinstab preżenti llum ukoll. Għalhekk nibda nħoss ħwejġi qishom lożor ukoll: isaħħnuni u nħossni komdu fihom, imma fl-istess ħin xorta nħossni espost taħthom. Nista' nkun għarwien u ma tagħmillix wisq ta' differenza. Il-ġilda tiegħi stess ma nħosshiex skoperta, imma misruqa, bi żball. Ninħeba taħt kutra suf trasparenti u m'għandi ebda ħjiel ta' kemm se ndum hawnhekk. Niċċaqlaq tikka b'dal-ħsieb.

Malajr inlibbes lili nnifsi u nipprova nerġa' lura għat-tkellim rilassanti tiegħu. Għandu vuċi li ssaħħrek u li tiġbdek, li tagħmlek tixtieq issir taf aktar, li tinteressa ruħek fil-lezzjoni. U fih. Leħnu kalm u melodiku jnessini mill-assertività preċedenti, u saħansitra jġibni nikkwistjona għalkollox il-validità tagħha, forsi qed nivvinta jien. Mhux wisq (suppost) inbidel f'dat-temp ta' żmien. Ma nafx kif għandi nħossni dwar hekk.

Naħsibha darbtejn u niffinalizza li t-ton ta' leħnu mhux iġibli serħan assolut daqs is-soltu. Mill-ġdid, insostni li hawn xi ħaġa naqra stramba għaddejja. Leħnu llum, kif qed jitkellem, mhuwiex jagħtini s-serħan u r-rilassament tal-lożor. Il-lożor kemm fuqi u kemm mixħutin laġenba (l-aqwa li mhumiex fuq is-sodda), mgħassa bil-kurċifiss, u bl-injam minn kull naħa, u bih.

Dlonk jaqbad it-tazza kafè b'ċertu delikatezza kuntrastanti li tqarraq u ftit ftit iniżżel il-likwidu ta' ġo fiha. It-togħma nagħrafha (avolja m'iniex wisq entużjast għall-kafè). Familjari wkoll din u kważi nista' ntiegħmu l-kafè f'ħalqi, darb'oħra, b'ċertezza ta' taħlit ma' togħma morra li ma tikkumplimentahx wisq. Xi darba kont nixtieq induq x'hemm f'dik it-tazza.

It-tqegħid (lanqas dan mhu salvaġġ) tat-tazza fuq il-mejda jqegħidni mixħut u mimdud b'ħarsti ffissata fuq komodina, li xi darba kienet tanġibbli, nanalizza tazza b'għamla għalkollox differenti iżda mingħajr dubju li fiha l-istess. Dan huwa fatt inkontestabbli, għajr iċ-ċertu mrar li anke llum jippersisti

f'ħalqi. Inħossni ftit li xejn imdardar b'dal-ħsieb, imma wara kollox, das-sostanz magħruf li jħalli dat-tip ta' effett. Però nammetti li mhux hu biss responsabbli għal dal-ħoss fl-istonku. Illum.

Mixħut u mimdud, niddiskuti dak li għadu kemm kien ġara ma' dil-għażiża tazza. F'dak il-waqt dehret qisha l-akbar ħabiba tiegħi: stajt ngħidilha u nammettilha kollox, u ma kont nirċievi ebda forma ta' ġudizzju jew preġudizzju. *Pre*. Prefiss, qabel kollox. Għaddejt l-istess konverżazzjoni ma' dit-tazza għal ammont sew ta' żmien, dwar l-imgħoddi, il-preżent, u l-ġejjieni, il-qrib u l-bogħod. Tal-bogħod kien wisq imċajpar biex nifhmu (u hekk baqa' s'issa) u tal-qrib mhux wisq differenti. Gozz konfużjoni bħall-gozz tal-lożor mhux f'posthom. Ma kellix tweġibiet; ma kontx ħsibtlu biżżejjed. Għal ta' qabel iva, imma għal ta' wara le. L-unika tweġiba li kelli dak il-ħin kienet indikazzjoni għall-ġejjieni fil-qrib: ilmaħtu jersaq eqreb lejja b'mozzjoni rilassata u każwali (bħal dejjem). U mbagħad minn hemm naraw.

Illum javviċinani bl-istess mozzjoni: kalm, kwiet, donnu ma jimpurtah minn xejn jew minn ħadd, b'apatija u b'rutina. Madankollu issa jersaq mingħajr ebda skop perċepixxibbli (jew, mixtieq). Din hi biss ir-rutina tipika u ta' kuljum li għandu għalliem. Kollox normali, bħas-soltu. Ir-riħa tal-kafè tikber u tikber, filwaqt li t-togħma tal-imrar tikber f'ħalqi u s-sentiment tewmi jikber f'qalbi. Ninduna li llum kapaċi jimxi dritt.

Dit-tip ta' qrubija mhix wisq xi ħaġa li mdorri biha. Nammetti, ġieli nzertajt f'sitwazzjonijiet ta' prossimità idjeq. Imma s-sentimenti u l-intenzjonijiet (l-interessi wkoll) għall-anqas kienu simili għalkemm il-ġisem kontroparti dejjem jinbidel. Itir mar-riħ u jvarja skont il-burdata. Ir-ringieli ta' iġsma tal-imgħoddi, minkejja li mhux daqstant 'il bogħod, kollha kellhom xi ħaġa komuni: kienu biss tal-wiċċ. Wiċċ imb wiċċ ma' xulxin, valur tal-wiċċ, u l-wiċċ jinbidel. It-tlaqqigħ ta' wiċċ ma' ieħor, ebda laqgħa oħra ma sseħħ, ħlief il-laqgħat ta' kull ċertu żmien.

Dawn il-laqgħat qatt ma kienu ta' sodisfazzjon. M'iniex bħal dak ta' fuqi u ma stajtx inżomm ma' rutina. Il-laqgħa aħħarija u ultima avviċinajtha b'ċertu sens ta' tħejjija mill-għadd ta' laqgħat ta' qabel sabiex inkisser ir-rutina qasira li kelli. Kienet laqgħa ta' tlaqqigħ ġdid li ġeddidni; tlaqqigħ setgħan għax jien stajt; kellu jkun sabiħ ukoll, għax xejn ma kellu jisbaħ. Għal daqshekk xejn komuni ma sebaħ jew tfaċċa, ngħiduha kif inhi.

Ir-riħa tal-kafè tilħaq il-quċċata. Il-qawwa tagħha ma stennejthiex, qisu reġa' żidilha xi ħaġa. Did-darba nammetti li ma kontx preparat għal qrubitu, minkejja li mexa lejja b'mod eċċezzjonalment dritt. Issa, kulma jifirduna ċerti ċentimetri, imma did-darba ma jmeddx ħarstu fuqi. Issa ma niċċaqlaqx.

L-unika sors ta' komunikazzjoni kienet it-twissija. Illum. Ma stennejtx wisq, għax ebda wieħed minna mhu midħla tal-komunikazzjoni, imma xorta stennejt xi ħaġa, żgħira, u anqas aggressiva. It-tkellim ma kienx neċessarju (aktar tard, inftiehem biċ-ċar li mhux meħtieġ). Hu qiegħed jobdi r-regoli tal-logħba, issa, imma jien xbajt u rrid niksirhom. Qisni rrid naqbdu fl-att li jiksirhom hu minflok, imma fl-aħħar mill-aħħar kieku aħna t-tnejn inkunu ħatja, issa u qabel. Il-logħob m'għadux pjaċevoli. Qisu jrid ibagħbasli b'qalbi.

Niftakar fil-ġugarelli vasti ta' tfuliti (dan żmien li kapaċi nagħmel distinzjoni dwaru: il-qasma essenzjali bejn iż-żgħorija u ż-żgħożija hija wisq anqas ċara, mifrudin b'ittra, karatteristika li tista' tagħmel id-differenza sħiħa) u fil-pront nixtieq naħrab għal daż-żmien li, jekk ma kienx diġà beda jintilef, issa nista' nikkonferma li għebli għalkollox. Is-sempliċità inkontestabbli tal-pupi: inanimati, u għalhekk totalment vulnerabbli għall-kefrija tas-superjuri tagħhom. Imma xorta bla ħajja u ma tgħidx li jimpurtahom wisq minn dak li jiġrilhom. Inħossni ridott, lura għal tifel. Niddejjaq ngħid lili nnifsi pupu. Għall-anqas jien ħaj. Fl-istess waqt jien u l-pupu naqsmu ċerti karatteristiċi simili għaliex, għall-kuntrarju tat-tifel, f'dis-sitwazzjoni, ma jien is-superjuri ta' ħadd.

Forsi fir-realtà, il-firda li qed nhewden fuqha mhix daqstant wiesgħa daqskemm qed naħseb. Minkejja t-tibdil ta' tkabbir esponenzjali li jseħħ bejn iż-żewġ punti li jsawru dil-firda, forsi din aktar kwistjoni ta' rwoli: logħba bejn pupu u sidu. Jew forsi għadna qegħdin nilagħbu u l-logħba qatt ma verament intemmet? Għandi xi ngħid li għadna qegħdin nilagħbu, jew għall-anqas jien biss, għaliex il-ħajja kompliet, kollox bħas-soltu. Imma xorta hemm xi ħaġa mhix tas-soltu. Id-devjazzjoni minn dak li suppost għandu jkun, f'dal-mument, bħalissa, hi dik li tbeżżagħni. Il-kotba, it-tazza u l-kurċifiss ibeżżgħuni.

Il-ħsejjes tas-siġġijiet jiċċaqalqu, iżerżqu mal-art, u l-istudenti jqumu minn posthom u storbjużament iqajmuni minn dik li nixtieq li kienet raqda, u mal-ewwel jerġgħu jfakkruni li jien ħaj, animat, qiegħed nesperjenza dil-ġrajja tiżvolġi mhux biss fil-wara ta' moħħi imma wkoll quddiem għajnejja. Nistenna f'posti sakemm il-klassi tiżvojta xi ftit, filwaqt li nosserva l-għalliem

jiġbor u jirranġa l-kotba strambi bid-delikatezza u apatija li tant drajtu bihom (l-assertività kienet fittizja). Nixtiequ jerġa' jħares f'għajnejja. Nixxennaq għal xi forma ta' kuntatt. M'hemmx bżonn ikun fiżiku. Kuntatt li għalkemm mhuwiex tanġibbli mqar jispjegali, ifehemni u jikkonvinċini li sewwa qed naħseb u li l-ħajja verament mhijiex għaddejja kif suppost. Dal-kuntatt għandu jkun ir-rabta tal-firda, li jgħidli li m'iniex nilħaq xi ħaġa fil-vojt.

Dal-kuntatt ma jseħħx. Il-ħajja għandha tkompli għaddejja kif kienet: bla tifxil, bla mistoqsijiet żejda. B'dal-ħsieb f'moħħi għandi mmur moħħi mistrieħ sal-lezzjoni li jmiss, imma s-sentimenti dominanti, minflok, huma ta' ansjetà, ta' diżappunt, ta' mrar.

Ħosbieni, nerġa' nqiegħed ġismi, tqil u mxejjaħ, fuq siġġu ieħor li jinħass aktar skomdu minn ta' qablu.

Ħosbieni, imma dal-aħħar qed nevita li naħseb. Ftit għadni naħseb, imma xejn m'għadni niffantasizza.